# Sekli ta' Ħidma – Kompluti minn Soċjetà li qed tagħlaq Mitt Sena

Kitba ta' Charles J. Farrugia
BA(Hons), PG Dip. Rec. Mgmt., MA, MA (Lond)

Is-sena 2011 taħbat għeluq il-mitt sena minn meta skont it-tradizzjoni twaqqaf iċ-Circolo Pio X, każin soċjali bil-ħsieb li jħares l-interessi tal-festi tal-Madonna tal-Ġilju u tal-Immakulata Kunċizzjoni u ta' dawk kollha li kellhom għal qalbhom din id-devozzjoni. Għalkemm qed niċċelebraw mitt sena ta' ħidma, ma jfissirx li l-attività favur il-festa tal-Madonna tal-Ġilju bdiet mitt sena ilu. Anzi, sa issa nafu li din il-festa fl-Imqabba minn tal-anqas kienet issir mill-1772 meta twaqqfet il-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni. Hu għalhekk li ser nibdew din il-kronoloġija mill-1772. L-iskop ta' dan l-artiklu hu li nfakkru fil-ħajja ta' din id-devozzjoni l-aktar il-ħajja taċ-Cirkolo Pio X.


9. ... Individui [illegible] vestiti del proprio Sacco nelle Proces-
sioni, che si faranno in ciascuna quarta Domenica del Mese, e in
quella del Giglio nel Mese di Maggio. Chi si mancherà d'interveni-
re in una di codeste Processioni, non è soggetto a veruna pe-

Silta mill-Istatut tal-1772 li jobbliga l-fratellanza torganizza l-festa tal-Madonna tal-Ġilju

1772 Titwaqqaf il-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni bl-obbligu fl-istatut li torganizza l-festa tal-Madonna tal-Ġilju fit-tielet Ħadd ta' Mejju u dik tal-Kunċizzjoni f'Diċembru.

1775 Il-Fratellanza tal-Kunċizzjoni tiġi aggregata ma' dik ta' San Lorenzo in Damaso f'Ruma. Biex dan l-avveniment jibqa' mfakkar għal dejjem twaqqaf salib tal-ħaġar fuq il-Mentna mill-kappillan Giacomo Michele Tortella. L-istess kappillan, hu nnifsu devot Bormliż tal-Immakulata ra li ssir statwa wkoll fuq il-Mentna.



L-istatwa tal-ġebel ta' fuq il-Menta li għadha tfakkar sal-lum l-avveniment tal-1775

1876 Fil-21 ta' Mejju ta' dik is-sena tinġab fl-Imqabba l-vara tal-Madonna tal-Ġilju, kummissjonata mill-Imqabbi Innocenzo Zammit u maħduma mill-istatwarju mill-Isla Giovanni Darmanin. Isiru festi kbar biex tintlaqa' l-istatwa u tindaqq il-mużika tas-Surmast Paolo Nani ġewwa l-knisja parrokkjali.

1896-97 Jitwaqqfu l-każini soċjali Vittoria u San Giuseppe fost intriċċi politiċi, bil-politiku



Il-vara tal-Madonna tal-Ġilju armata bil-ġilju frisk fil-knisja parrokkjali

Mqabbi Alfons Caruana jippatronizza wieħed, u Pawlu Caruana magħruf bħalha tal-Ave Maria u attivist kbir ta' Sigismondo Savona jopponi lil Dun Alfons kemm f'Malta kif ukoll fil-mawriet tiegħu fit-Tuneżija.

1902 Is-Sinjura Giovanna Manchè iżżejjen l-istatwa tal-Ġilju bi fjur tal-fidda.



Giovanna Manchè

1905 Skont it-tradizzjoni jitwaqqaf il-Każin Soċjali Santa Marija li jiġbor fi ħdanu lil kulħadd fosthom il-partitarji tal-Ġilju u lil Pawlu Caruana bħala president.

1910 Jinqala' nkwiet fi ħdan il-Każin Soċjali Santa Marija. Għalkemm xi whud jgħidu li dan kien minħabba l-ammont ta' murtali sparati f'festa u mhux f'oħra, jiena nemmen li l-inkwiet kien prinċiparjament minħabba l-idea li l-isem jinbidel għal dak tar-Renjanti Ingliż ir-Re George V, u n-nies madwar Pawlu Caruana jitilqu u jifthu għal rashom.



Is-Sur Paolo Caruana missier is-Soċjetà tal-Ġilju

1911 It-tradizzjoni tgħid li twaqqaf iċ-Circolo Pio X taħt it-treġija tal-President tal-każin ta' qabel, il-benestante Paolo Caruana.



L-immaġini tal-Papa San Piju X li għalih tal-Ġilju ppreferew isemmu l-każin

1914 Wara l-mewt ta' Paolo Caruana t-treġija tal-każin tgħaddi f'idejn Karmnu Caruana. Fis-17 ta' Mejju ta' dik is-sena ġiet inawgurata bradella famuża maħduma mid-disinjatur u skultur Saverio Oliva u filwaqt li daqqet il-banda San Giorgio ta' Bormla, fil-knisja kien hemm mużika ta' Salvatore Scicluna. Il-murtali tal-kulur kienu ta' Baskal Xuereb u n-nar tal-art tal-aħwa partitarji Mqabbin Amabile u Antonio Barbara u Gio Maria Briffa



Wieħed mill-ewwel kumitati taħt it-treġija tas-Sur Karmnu Caruana

1920 Ir-ritratt tal-faċċata tal-knisja armata bil-kliem Mater Purissima u l-armar tal-pilandri u trofej fit-Triq tan-Nofs għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju jiġi ppublikat fil-ħarġa ta' Mejju tal-magazin internazzjonali prestiġjuż in-*National Geographic*



Ritratt tal-armar fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju qabel l-1920

1922 Jintlaħaq il-qofol ta' proġett ambizzjuż tal-armar bl-inawgurazzjoni tal-vara l-kbira,



Imqabbin partitarji tal-Ġilju quddiem il-vara l-kbira fl-inawgurazzjoni fl-1922

l-ewwel tax-xorta tagħha fl-Imqabba. Fiha l-figuri sbieħ tal-kartapesta attribwiti lil Karmnu Mallia (il-Lhudi) jiddeskrivu r-rebħa tal-Madonna fuq l-għadu, bis-simboli tal-evanġelisti u l-karru li fuqu tittajjar Marija. Fil-ġnub imbagħad hemm il-figuri tal-Papa Piju IX u Duns Scotus, il-Franġiskan difensur tal-Immakulata. Fl-istess sena s-Soċjetà tintlaqat bi traġedja tan-nar li fiha jitlef ħajtu l-partitarju Pietru Sammut.

1935 Il-Knisja timponi regoli stretti wara l-Konċilju Reġjonali bl-iskop li teqred il-Festi Sekondarji. Il-Każin tal-Ġilju jadotta r-regoli l-ġodda però jirreżisti u jissieħeb fil-Kumitat Festi Sekondarji f'lotta sal-1975 meta rebaħ lura diversi drittijiet.

1939 Bidla fl-isem tal-każin minn 'Circolo Pio X' għal 'Lily Club', prinċiparjament minħabba l-mewġa anti-Taljan li kienet għaddejja fil-pajjiż fi tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija.

1944 Jinbidel l-isem għal 'The Lily Band Club' peress li t-tagħlim tal-banda kien qabad sew u kien jidher ċar li l-banda ser toħroġ fil-pubbliku fil-viċin qarib.

1945 Il-Każin tal-Ġilju jsir l-ewwel wieħed fl-Imqabba b'banda diretta mis-Surmast Slimiż Joseph Darmanin. L-ewwel programm isir nhar id-9 ta' Diċembru ta' dik is-sena fl-okkażjoni tal-festa tal-Kunċizzjoni.


No.Clubs/54/East.
POLICE HEAD QUARTERS,
Hamrun.
29th August, 1944.

Sir,

I am directed by the Commissioner of Police to acknowledge the receipt of your letter of the 19th instant, informing him that the name "The Lily Club" has been altered to "The Lily Band Club".

I have the honour to be,
Sir,
Your obedient servant,

SECRETARY.

Mr. L. Bilocca,
Secretary - The Lily Band Club,
Church Square. Mqabba.

Id-dokument tal-Pulizija li japprova l-bidla fl-isem tal-każin

1948 Tinbena l-faċċata maestuża tal-każin bi skultura ispirata minn arkitettura Taljana u disinn u ħidma tal-partitarju Mastru Baskal Xuereb. L-iskultura hi tal-partitarju Ġużeppi Barbara u l-ġebel inqata' mingħand il-partitarju Frenċ Ciantar.

1949 Jiżżanżan kwadru ġdid għall-altar tal-



1949 - Il-ħidma biex b'idejn l-Imqabbin tinbena faċċata artistika fil-qalba tar-raħal

Kunċizzjoni, xogħol l-artist Taljan Cleto Luzzi, fuq inizjattiva tal-Prokuratur ta' dak iż-żmien Dun Ġużepp Xuereb.

1954 Fl-okkażjoni tad-Domma tal-Kunċizzjoni tiżżanżan bradella ġdida, xogħol l-iskultur



Id-disinn tal-bradella xogħol Manwel Buhagiar



1955 - Il-Vara l-kbira f'Bormla

Emanuele Buhagiar ta' Ħal Tarxien. Isiru festi speċjali, u jiżżanżnu diversi opri artistiċi oħra fostom il-bankun, id-dijadema u l-fjuretti.

1955 Il-vara l-kbira tintrama ġewwa Bormla għal festi speċjali tal-Kunċizzjoni.



Menu Vella bil-bandalora l-ġdida flimkien ma' benefatturi oħra

1961 Tul is-snin sittin il-benefatturi komplew iżejnu lill-Banda Lily bl-attrezzaturi kollha neċessarji. Wieħed ma jistax ma jsemmix lil Menu Vella li l-Banda Lily kienet il-mimmi ta' għajnejh. Fis-27 ta' Mejju 1961 sar it-tberik ta' bandalora tal-banda regalata mis-Sur Vella kif ukoll standard Awstraljan li ġie mħallas minn diversi emigranti Mqabbin fl-Awstralja.

1964 Nhar il-Ħadd 6 ta' Jannar 1964 jitbierek il-Post tan-Nar il-ġdid fost il-briju tas-Soċji u tluq ta' ħamiem minn Innoċenzu Farrugia.




Tberik tal-post tan-nar f'Jannar 1964

1969 Wara l-festa tal-Kunċizzjoni s-Soċjetà tintlaqat minn traġedja tan-nar li fiha jitlef ħajtu l-partitarju Nazzareno Buhagiar u jweġġa' Benny Farrugia.

1970 Isir tapit bid-dawl elettriku mekkanizzat biex jagħlaq in-nar tal-art ta' dik is-sena. Dan it-tapit bid-dawl jimxi nħadem mis-Sur Salvu Magro li llum hu President Onorarju u kien fih 1, 500 bozza.



It-tapit tal-eletrikku li kien sar mill-President onorarju s-Sur Salvu Magro

1975 Wara erbgħin sena ta' restrizzjonijiet mill-Knisja, l-Gvern jieħu pożizzjoni li l-awtoritajiet ekkleżjastiċi m'għandomx aktar poter fuq l-armar ta' barra u jerġa' jinħareġ l-armar kollu u jibdew jintramaw it-toroq kollha bħal qabel l-1935.

1975 Jinxtara post mal-każin u jitwaqqa' l-każin u jinbena b'mod modern *open plan*. Ħafna mix-xogħol sar mill-partitarji Mqabbin b'mod partikolar l-għażiż missieri Ġużeppi Farrugia u s-Sur Joseph Tanti flimkien mas-support u direzzjoni ta' Ġanni u Pawlu Cassar u nies oħra li għenu b'fondi u materjal.



Il-President Gulio Tanti jaqra diskors tal-okkażjoni fil-festi Centinarji 1976

1976 Festi Ċentinarji minn meta l-vara tal-Madonna tal-Ġilju nġabet fl-Imqabba. Fihom kien hemm il-parteċipazzjoni tal-E.T. Sir Anthony Mamo, President ta' Malta, u l-Arċisqof ta' Malta Monsinjur Mikiel Gonzi kif ukoll il-Banda tal-Forzi Armati.

1986 Isiru festi speċjali fl-okkażjoni ta' għeluq il-75 sena tas-Soċjetà u tinfetaħ rinovazzjoni tal-każin mill-President ta' Malta l-E.T. Agatha Barbara. Ġew imżanżna ukoll diversi opri fosthom il-frontispizju tal-Każin.



**L-Eċċ Tagħha Agatha Barbara President ta' Malta waqt il-ftuħ tal-estensjoni tal-Każin f'Ġunju 1986**

1989 Il-każin tal-Ġilju jirbaħ l-ewwel post fil-kompetizzjoni nazzjonali tat-tiżjin tal-faċċati fil-Milied. Dan is-suċċess jerġa' jinkiseb fis-sentejn ta' wara.



**L-ewwel Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ (1993-1994).**

1993 Titwaqqaf l-ewwel Sezzjoni Żgħażagħ fl-Imqabba, b'ideat u inizjattivi kbar u tibda torganizza attivitajiet innovattivi.



**Iċ-ċeremonja tal-inawgurazzjoni tal-Planċier**

1995 Fl-okkażjoni ta' għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Banda tal-Ġilju, jiżżanżan il-Planċier Meravilja u l-Bandalora artistika



**L-inawgurazzjoni tal-bandalora artistika tal-Banda.**



**Il-Planċier Meravilja ftit wara li ġie nawgurat.**



Il-Banda Madonna tal-Ġilju għall-ewwel darba barra minn xtutna, fi Sqallija.

tal-Banda. Il-planċier hu disinn tas-Sur Salvu Bugeja filwaqt li l-ħidma fuqu saret minn partitarji Mqabbin. Il-Bandalora wkoll għandha disinn ta' Salvu Bugeja u pittura ta' Pawlu Camilleri Cauchi. Il-ħidma tar-rakkmu saret mill-partitarja Emanuela Galea, filwaqt li l-ispiża inħarġet mill-familja Baldacchino. Iż-żewġ opri tbierku minn Monsinjur Antonio Cosimano minn Cinisi li nġab apposta mill-Italja biex l-opri jkunu mbierka kif jixraq.

1995 Il-Banda Madonna tal-Ġilju toħroġ iddoqq barra minn xtutna għall-ewwel darba b'marċi u programm ġewwa Cinisi fi Sqallija.

1995 Is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju toħroġ lill-President tagħha s-Sur Teddy Farrugia bħala kandidat għall-Elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali. Hu jkun elett bl-akbar ammont ta' voti.

1996 Il-Banda Madonna tal-Ġilju ddoqq ġewwa Sousse u Monastir fit-Tuneżija. Fl-istess sena jiġi inawgurat il-maħżen wara li twaqqa' u ġie mibni mill-ġdid.



Udjenza mal-Papa Ġwanni Pawlu II

1997 Traġedja oħra fil-post tan-nar tal-Ġilju li ħasdet il-ħajja ta' Nicholas Cassar.

2000 Is-Soċjetà Mużikali tal-Ġilju f'impenn mużikali fl-Awstrija filwaqt li f'Diċembru ta' dik is-sena l-President tas-Soċjetà u r-Rettur tal-Fratellanza jkollhom udjenza mal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Vatikan.

2002 Is-Soċjetà Mużikali tal-Ġilju fit-tieni mpenn mużikali fl-Awstrija. Fis-26 ta' Marzu tal-istess sena splużjoni fil-kamra tan-nar tal-Ġilju teqred il-kumpless għal kollox u jindarbu gravi Simon Grech, Joseph Debono u Joseph Tanti. Il-Madonna salvat lit-tlieta li huma minn ħalq il-mewt.



Il-Banda Madonna tal-Ġilju waqt l-esekuzzjoni tal-Kunċert memorabli li sar ġewwa t-teatru Manoel

2006 Il-Banda Madonna tal-Ġilju ttella' kunċert sinfoniku ġewwa t-Teatru Manoel taħt il-Patroċinju tal-għola awtoritajiet distinti u minbarra li tniedi kompożizzjoni ġdida tas-Surmast Andrew Calleja toħroġ bl-unuri kollha filwaqt li tippakkja t-teatru Manoel bl-udjenza.

2007 F'Diċembru jiġi inawgurat ir-Radju tal-Komunità Tal-Ġilju FM, bi skeda varjata u b'doża qawwija ta' kultura. Jerġa' jxandar sena wara sena f'kull Ġunju u Diċembru. Fl-istess sena tinxtara s-sistema Merlin Fire sabiex jinħarqu l-ispettakli tan-nar sinkronizzati man-nar.

2008 Jiġi inawgurat ir-restawr tal-faċċata tal-każin wara sentejn ta' ħidma ta' diversi soċji ko-ordinati mis-Sur Rosario Zammit. L-Għaqda tan-Nar tal-Ġilju tirbaħ il-Festival tan-nar tal-Art bl-akbar punteġġ li qatt intrebaħ bih dan il-festival.



L-illuminazzjoni tal-faċċata maestuża tal-Każin.



Ir-rebħ tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art.

2010 Jibda l-proġett ambizzjuż tat-twaqqiegħ u bini mill-ġdid tal-każin, bi tħaffir ta' sotterran, ir-restawr u rijabilitazzjoni tas-sotterran l-antik u b'faċilitajiet aħjar ta' aċċessibilità u spazji.

2011 Fl-ewwel ta' Jannar fetħu l-festi speċjali li jfakkru ċ-Ċentinarju.

2011 Fil-31 ta' Marzu jittella' Seminar Nazzjonali dwar il-festi organizzat mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju. Dan jiġbed l-attenzjoni tal-*media* kollha.



Ritratt tax-xogħol tal-bini tal-każin.



Il-kelliema flimkien ma' c-Chairperson u l-President tas-Soċjetà waqt is-Seminar li sar fil-31 ta' Marzu fil-Monte Kristo Wine Vaults.



Il-Professur Jeremy Boissevain jagħmel żjara fl-Imqabba fejn isegwi r-rikostruzzjoni fil-Każin.